MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 689/2003

**John Pullicino**

**Vs**

**Charyle Ogilive**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' mija u wiehed u tletin lira Maltija u seba' u sittin centezmu (Lm131.67), prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta gie debitament notifikata bl-avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u ma deheritx ghas-seduti.

Semgha x-xhieda ta' l-avukat Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi in rapprezentanza tas-socjeta attrici.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ mija u wiehed u tletin lira Maltija u seba’ u sittin centezmu (Lm131.67), bl-imghax skond il-ligi.

L-ispejjez [mhux inkluzi d-drittijiet legali] huma ghak-karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------